MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 205/2008

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Marzu1982, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-konvenut huwa hati ta' adulterju, minacci, sevizzi, ingurji gravi u eccessi; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tippromwovi l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li:

1. Il-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' adulterji, minacci, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u li

konsegwentement ghadha tigi pronunzjata s-separazzjoni a mensa et thoro bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut jew inkella, b' mod in subsidium, ghax iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba inkompatibilita' fil-karattru;

2. Li l-konvenut ghandu jigi kkundannat minn din il-Qorti li jissoministra lill-attrici dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata minn din il-Qorti u bil-modalitajiet ukoll hekk iffissati;

3. Li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi dikjarata xolta, likwidata u diviza u assenjata lil kull wiehed mill-kontendenti skont dak il-proporzjon li jigi determinat minn din il-Qorti u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

4. Li tinnomina kuraturi deputati biex jidhru fuq l-att opportun ta' divizjoni biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci u Nutar Pubbliku biex jippubblika u jircievi l-att opportun u

5. Li l-konvenut jigi dikjarat minn din il-Qorti illi ddekada mid-drittijiet tieghu jew dawk minnhom kif provdut fl-artikoli 38, 40, 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili, jew dawk minnhom li din il-Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi skont il-htijiet tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: li l-htija tal-firda tirrisjedi unikament fuq l-attrici minhabba abbandun tad-dar konjugali; li jopponi ghat-tieni talba, stante li l-attrici ghandha mpieg fiss, u di piu' irrendiet ruhha hatja ta' abbandun u ghalhekk iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment; li ma jipponix ghal qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti, ghalkemm jitlob li din tkun tali li tirrifletti l-htija ta' l-attrici;  li ma jopponix ghar-raba' talba, izda jopponi ghal-hames talba stante li hu m' ghandux htija ghat-tifrik taz-zwieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet, u n-noti ta’ sottomissjonijiet studjati tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment htija tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha tieghu l-konvenut jichad dak attribwit lilu mill-attrici, u jsostni li t-tort tal-firda jirrisjedi unikament fuq l-attrici li abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni valida fil-ligi fit-termini ta’ l-artikolu 41 tal-Kap.16.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-13 ta’ Marzzu 1982, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa seba’ [7] snin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Il-problemi matrimonjali relatata mal-hajja konjugali bdew mill-bidunett taz-zwieg, u wasslu sabiex il-partijiet isseparaw de facto meta bejn 2004 u 2005 l-attrici bdiet tmur ghand ommha fejn kienet tqatta’ hafna hin, u eventwalment bdiet torqod hemm, u ma baqghetx tikkonvivi mal-konvenut, u ghall-iskop ta’ l-abbandun il-Qorti qed tistabbilixxi d-data tat-30 ta’ Gunju 2005

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut kien bniedem socjevoli hafna, u jhobb il-kumpanija tal-hbieb tieghu, u dan a skapitu tar-relazzjoni taghhom. Anke fiz-zmien l-gherusija huwa kien jinsisti li f’ xi granet johrog ma’ shabu. Tghid li huwa baqa’ b’ dan l-istil ta’ hajja anke wara iz-zwieg, fejn kien johrog filghaxija ma’ shabu u jirritorna d-dar fis-sighat bikrin ta’ filghodu.

Tghid li, filwaqt li hi kienet tahdem, u bi flus thallas ghal bzonnijiet taghhom, il-konvenut qatt ma taha manteniment, hlief f’ dik is-sena li kienet waqfet tahdem, meta allura kien jaghtiha LM30 kull hmistax.

L-attrici takkuza lill-konvenut bl-adulterju, u tghid li dwar dan hi "certa"[1]. Issemmi cirkostanzi biex issostni dan, partikolarment, it-telefonati anomini, il-qmis imcappsa bil-lipstick u li l-gimgha filghaxija kienet twasslu lura d-dar wahda mara.

Illi dwar il-hajja konjugali l-attrici tispjega li meta fil-*honeymoon* huma kienu qieghdin l-Ingilterra ghand ohtha, il-konvenut ghamel xenata ghax il-kutra ta' l-elettriku fil-kamra tas-sodda taghhom kienet thalliet mixghula, u zewgha beda jghajjat u jwerzaq. Tghid *"Jiena kont hadtha bil-kbira ghax qatt ma kont rajtu hekk, tant li ma kkonsumajnhiex iz-zwieg, u jiena wkoll kont bzajt ghax kienet l-ewwel darba ghalija u qisni bzajt. L-agir tieghu tefaghni l-bahar, u jien minn naha tieghi kont bzajt hafna …. Wara xi ghaxart ijiem li fih bqajna miggieldin, gejna Malta, u mbaghad hu qatt ma rega' prova jersaq lejja. Illi fil-fatt iz-zwieg taghna qatt ma gie kkunsmat, la l-Ingilterra u lanqas f' Malta f' sitta u ghoxrin [26] sena. Hu qatt ma prova jersaq lejja, u jien lanqas provajt nersaq lejh."*[2]

L-attrici tistqarr li, ghalkemm it-tnejn ghajtu ma' xulxin fil-litigji, il-konvenut qatt ma refa' idejh fuqha.

Rigward l-abbandun l-attrici tghid hekk: *"… sa mbaghad ommi marret lura f' sahhitha, u daqs erba snin ilu [2004] bdejt immur norqoghod mal-mummy. Id-dar bqajt niehu hsiebha, imma aktar kont ghad mommi milli d-dar."*[3]

*Verzjoni Konvenut*

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-attrici hija mara rizervata maghluqa fiha nnifisha; u sa minn zmien l-gherusija kienet riluttanti ghall-intimita' li dak iz-zmien kien limitata ghal bews u tghanniq. Huwa kien jitkellem li kien ried li jkollhom tfal fiz-zwieg, izda l-attrici kienet tibqa' siekta fuq dan is-suggett. Jghid li huwa xorta wahda kompla bir-relazzjoni ghax kien jispera li wara z-zwieg l-affarijiet kienu ser jitrangaw.

[1] Aff. Fol.30
[2] Ibid. fol.31 – sottolinear tal-Qorti
[3] Ibid.

Dwar il-hajja konjugali, u wkoll b' referenza ghall-incident tal-kutra deskritt mill-attrici, il-konvenut jichad li hu kien beda jghajjat u jwerzaq. Il-konvenut jghid li fil-*honeymoon* l-attrici kienet riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg mieghu bl-iskuza li kienet skomda ghand ohtha, izda b' danakollu riedet tibqa' hemm il-*honeymoon* kollu. *"Lura f' Malta mhux talli l-affarijiet marru ghal ahjar, izda marru ghall-aghar. Dan ghaliex kull darba li provajt nersaq biex ikolli rapport shih maghha, u nwettaq l-att taz-zwieg [l-attrici] kienet dejjem tirrispingini lura u tinfaqa' tibki u tghidli li ma xtaqhietx tiehu dan il-pass."* Jghid li hu kien jiddispjacih ghaliha u kien jithassarha. *"Sfortunatament din l-affari baqghet ghaddejja ghall-karriera twila u r-rapport sesswali bejnietna qatt ma' sehh."*[4]

Il-konvenut jichad dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu. Jichad li matul iz-zwieg kien jghix il-hajja ta' guvni a skapitu tar-relazzjoni matrimonjali, jichad li kkommetta adulterju jew li ffrekwenta nisa ohra, jichad li kien jircevi telefonati anonimi u jsostni li l-attrici kienet tuza dawn bhala pretest biex tevita l-attivita' sesswali, jichad l-incident tal-qmis deskritt mill-attrici, u jichad li l-gimgha filghaxija kienet wasslu d-dar mara bil-karrozza. Huwa jichad li kien biddel is-serratura tal-bieb tad-dar, u jghid li huma t-tnejn ghandhom cavetta tad-dar.

Jispejega li meta martu kienet bdiet tmur ghand ommha u tqatta hafna hin hemm, u anke torqod hemm, huwa kien sab sfog billi jmur in-nurseries tal-football u anke jsiefer.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li, ghalkemm il-konvivenza 'matrimonjali' bejn il-partijiet damet sitta u ghoxrin [26] sena, iz-zwieg qatt ma gie kkonsumat. Dan il-fatt iddetermina l-komportament tal-partijiet fiz-zwieg: minn naha tieghu l-konvenut, li kien ipprova inutilment jersaq lejn martu fiz-zwieg, kien eventwalment sab sfog fil-hbieb, f' attivitajiet wara x-xoghol, u eventwalment anke fis-safar, fil-waqt li l-attrici kienet tmur ghand ommha tas-

[4] Affid. Fols.235 u 237

spiss. Wkoll l-attrici kienet inflitta bis-suspetti li zewgha kien infidil lejha, tant li, fl-affidavit taghha tghid li hi "certa" li l-konvenut kien ikkommetta adulterju.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li fil-fehema ta' din il-Qorti, il-verzjoni tal-fatti in propozitu, kif moghtija mill-konvenut, hija aktar verosimili minn dik ta' l-attrici, u l-iskuza tal-incident tal-kutra ta' l-elettriku hija biss tentattiv pwerili da parti tal-attrici sabiex tghatti l-fatt li hi kienet avversa li taghmel l-att konjugali. It-tezi ta' l-attrici li l-incident tal-kutra kien ir-raguni wara r-riluttanza da parti taghha li taghmel l-att taz-zwieg, u wkoll li, wara dak l-incident, li sehh fl-ewwel granet taz-zwieg, il-konvenut *"qatt ma pprova jersaq lejja"* u li din is-sitwazzjoni pperdurat ghal 26 sena, hija nverosimili ghall-ahhar, u inoltre tinsab kontraddetta mill-konvenut li, minn naha tieghu, jsostni li hu kien jipprova jkollu rapporti konjugali ma' martu, izda dina kienet issib l-iskuzi biex dan ma jsirx sakemm, wara 26 sena ta' zwieg, l-attrici finalment abbandunat id-dar konjugali.

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tirravviza s-sevizzi da parti ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut; stante li l-fatt li l-attrici, matul il-konvivenza, kienet kostantament iccahad lill-konvenut mill-att konjugali, tant li z-zwieg ma giex ikkonsmat, jikkostitwixxi mohqrija abitwali u ripetuta fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-kap precitat. Inoltre, is-suspetti kontinwi da parti tal-attrici li l-konvenut kien infidil lejha, u l-fatt li kienet tressaq dawn is-suspetti bhala pretest ghar-rifjut da parti taghha li taghmel l-att konjugali, wkoll jikkostitwixxu sevizzi da parti taghha.

Inoltre, l-akkuza ta' adulterju maghmula mill-attrici, minghajr provi sostenibbli hija fiha n-nifisha ngurja gravi fil-konfront ta' zewgha. In propozitu l-Qorti tosserva li c-cirkostanzi li fuqhom l-attrici qed issejjes din l-akkuza huma michuda mill-konvenut, u di piu' ma jikkostitwux la prova ta' adulterju da parti tieghu, u lanqas ta' xi hibiberija specjali ma' mara ohra. Ghandu jirrizulta car li telefonati anonimi ma jipprovaw xejn stante li jista' jkun hemm diversi ragunijiet warajhom. Illi rigward il-qmis imcappsa bil-lipstick, dan il-fatt gie michud mill-konvenut, filwaqt li x-

xhud imressaq mill-attrici tghid li din urietha qmis imcappsa bil-lipstick, u xejn izjed.  Dwar il-fatt allegat mill-attrici li mara kienet twassal lill-konvenut id-dar, il-konvenut jichad dan il-fatt u fl-istess hin jressaq l-argument validu li kieku verament kellu relazzjoni ma' din il-mara ma kienx ser jressaqha lejn daru.

Illi rigward l-allegazzjoni li l-konvenut ma kienx jaghti manteniment lill-attrici, mill-provi jirrizulta li l-attrici, ghajr ghal sena wahda biss, dejjem hadmet matul iz-zwieg, u di piu' anke f' dik is-sena huwa kien jghaddilha retta alimentarja kull gimghatejn.

Illi rigward l-abbandun da parti ta' l-attrici, il-Qorti tosserva li l-attrici *ex admissis* tghid li fis-sena 2004 hi kienet tmur torqod ghand ommha, u eventwalment biet tqatta' izjed hin ghandha milli d-dar fejn kien tmur biss biex *"niehu hsieb id-dar"*.  Illi hija l-fehema tal-Qorti li l-abbandun jikkonfigura meta konjugugi jabbanduna lill-konjugi l-iehor b' mod li l-konjugi ma jibqghu jikkonvivu flimkien, u l-fatt li l-konjugi li telaq mid-dar konjugali jibqa' jmur id-dar sabiex jiehu hsieb id-dar ma jimmilitax kontra dan, multo magis meta dan il-konjugi jkollu nofs indiviz tad-dar konjugali.

Inoltre, l-attrici ma resqitx provi sodisfacenti li jirrendu l-abbandun da parti taghha tad-dar konjugali legali.  Fi kliem iehor, l-attrici ma pprovatx li t-tluq taghha mid-dar konjugali kien dovut ghal xi raguni valida, u ghalhekk, tenut kont li l-proceduri odjerni gew istitwiti sentejn wara, dan jikkostitwixxi abbandun fit-termini ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort ta' l-attrici fit-termini ta' l-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16;  u wara li rat l-artikoli 45 u 52 tapplika fil-konfront ta' l-attrici d-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 ta' l-istess kap. Minn naha tal-konvenut ma jirrizultawx fatti li wasslu ghas-separazzjoni.

**Manteniment**

Illi bl-applikazzjoni ta' l-artikoli fuq indikati, l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand

il-konvenut; u dan apparti mill-konsiderazzjoni li hi tahdem u dejjem kellha mpieg fiss fiz-zwieg.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-assi principali formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huwa l-fond "Evergreen" Triq iz-Zinzel, Hal Qormi, u l-mobbli li hemm fih. Dan il-fond, nxtara fit-2 ta' Gunju 1983, gebel u saqaf, wara z-zwieg, sabiex iservi bhala d-dar konjugali tal-partijiet. Ghalkemm il-prezz fuq il-kuntratt huwa ndikat fl-ammont ta' LM2,000 [illum €4659], ma giet prodotta ebda stima ta' dan il-fond illum.

Fis-succint, il-verzjoni attrici fir-rigward hi li l-post inxtara bil-flus li hi kienet tghaddi lill-konvenut, allura gharus taghha, ammontanti komplessivament ghas-somma ta' LM3,700 [illum €8619 ], u tressaq bhala prova lil hutha; filwaqt li l-konvenut jghid li l-prezz thallas kollu minnu qabel iz-zwieg, u jispjega li l-kuntratt sar wara z-zwieg, unikament sabiex fil-kaz li l-gherusija tithassar huwa ma jkollux jerga' jbigh il-post bi spejjez zejda. In sostenn tat-tezi tieghu l-konvenut produca erba' ricevuti fl-ammonti ta' LM500 [illum €1165 ] kull wiehed, mahrugin mill-venidutur Frank Sammut u kkonfermati minnu bil-gurament. Iressaq ukoll xhieda li hu kellu l-fondi necessarji sabiex jhallas dawn l-ammonti, u li dawn thallsu minnu biss, hlief ghall *"finishings u l-ghamara, [l-attrici] kienet qed tikkontribwixxi bin-nofs"*[5]

Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:
[1] Illi mill-provi jirrizulta manifest li d-dar nxtrat fiz-zwieg, u allura ex lege appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Inoltre, hija opportuna l-osservazzjoni, li meta l-konvenut kien iddecieda li jixtri l-post, huwa kien xtara dan il-post sabiex iservi bhala d-dar konjugali tal-partijiet, tant li, ghalkemm il-prezz thallas qabel iz-zwieg, l-akkwist tal-fond, fuq insistenza tieghu, sar wara z-zwieg proprju sabiex huwa jassigura li l-post ma jinxtarax jekk l-gherusija tithassar. Ghalhekk huwa car li meta l-konvenut kien qed jittratta fuq ix-xiri tal-post, dan kien qed jaghmlu

[5] Vol.1 – fol.220 – Aff. Alfred Debattista

fl-interess tieghu, kif ukoll fl-interess u ghan-nom ta' l-attrici, allura gharusa tieghu, in forza ta' mandat tacitu.

[2] Illi dwar min mill-partijiet hareg il-flus ghax-xiri tal-post, hemm dizgwid bejn il-partjiiet. L-attrici tghid li l-flus hargithom hi, filwaqt li l-konvenut jghid li l-flus harighom hu. Il-Qorti, wara ezami rett tal-provi fir-rigward, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenut, li hi sostnuta mhux biss minn xhieda, izda hija sorretta minn provi dokumentali li minn naha taghhom huma konfermati mill-awturi taghhom. Ghalhekk f' dan ir-rigward il-konvenut ghandu kreditu parafernali vis-à-vis il-komunjoni ta' l-akkwisti fl-ammont ta' LM2,000 [illum €4659].

In propozitu hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm ma jistax jigi eskluz li l-attrici kienet harget xi flus, izda ma jirrizultax car li dawn kienu thallsu ghall-prezz tax-xiri tad-dar u mhux tal-ghamara. Inoltre, hemm il-konsiderazzjoni valida li, kieku verament l-attrici hallset ammonti ta' flus li komplessivament jwasslu ghas-somma ta' LM3,700 [illum €8619 ] kien jispetta lilha li tassigura li jkollha ricevuti in sostenn tal-pagamenti. Wara kollox, din is-somma, fil-bidu tas-snin teminin, kienet titqies bhala wahda sostanzjali.

[3] Illi rigward il-pretensjoni tal-konvenut li dan jibqa' jghix fid-dar matrimonjali, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 55A tal-Kap.16, stante: li l-attrici hija l-persuna unikament hatja tas-separazzjoni; li hu m' ghandux impieg u kunsidrata l-eta' [60] tieghu l-possibilita' li jssib impieg fiss hija remota; li d-dar thallset biss minn flusu; li l-valur tad-dar huwa baxx, u bir-rikavat mill-bejgh mhux ser isib akkomodazzjoni adegwata; li l-attrici ghandha post iehor fejn tghix, u cioe' d-dar ta' ommha; il-Qorti tosserva:

[a] li l-fatt li l-attrici hi l-parti unikament hatja tas-separazzjoni ma jwassalx li hi ghandha tigi pprivata mill-uzu ta' sehemha mid-dar tal-komunjoni ghal zmien indefenit, b' mod li allura ma tkunx tista' qatt tgawdi dan is-sehem; il-Qorti ma thoss li hu gust li l-attrici tigi privata mit-tgawdija vita natural durante ta' dak li hu taghha bil-ligi, multo magis meta l-partijiet ma kellhomx tfal fiz-zwieg;

[b] li l-fatt li l-konvenut ghandu certu eta' ma jfissirx li ma jstax isib akkomodazzjoni alternattiva wara li jkun inkassa sehemu mir-rikavat tal-bejgh. Wara kollox l-attrici li ghandha nofs indiviz tad-dar hija wkoll fl-istess ilma, tenut kont tal-fatt li ma giex provat li hi ghandha xi titolu fuq id-dar ta' ommha li jippermettilha tibqa' tirrisjedi fiha vita natural durante, multo magis meta, kif tghid l-attrici hija wahda minn sitt ahwa;

[c] li ma gietx prodotta stima tal-fond konjugali, u ghalhekk it-tezi tal-konvenut li peress li d-dar hija zghira ma ggibx certu prezz, mhijiex sostnuta minn provi adegwati, multo magis meta jigi kunsidrat il-fatt li mis-sena 1983 il-prezz zgur huwa superjuri ghal dak indikat fil-kuntratt.

Ferm il-premess il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz huwa xieraq u gust li l-post, flimkien mal-ghamara, jinbieghu, u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu l-kreditu parafernali tal-konvenut, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Ghalhekk tordna li l-fond fuq indikat, flimkien mal-ghamara li hemm fih, jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien erba' [4] snin ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak miftiehem bejn il-partijiet, jew dak fissat mill-Perit C Micallef, li f' kaz ta' dizgwid dwar il-valur tal-fond, il-Qorti qed tinnomina minn issa espert, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, sabiex jghamel stima ta' l-istess u ta' l-ghamara li hemm fih; u fil-kaz li l-fond u l-ghamara ma jinbighux gheluq dan il-perijodu, allura jinbighu that l-awtorita' tal-Qorti,skond il-ligi. Ir-rikavat, wara li titnaqqas minnu s-somma ta' LM2,000 [illum €4659 ] li ghandha tithallas lill-konvenut, jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet; .

Illi l-konvenut qed jinghata d-dritt li jibqa' jghix fl-imsemmi fond, ad eskluzjoni ta' l-attrici, ghall-perijodu ta' erba' [4] snin, wara liema perijodu hu qed jigi ordnat permezz tal-gudizzju odjern, sabiex jivvaka l-imsemmi fond "Evergreen" Triq iz-Zinzel, Hal Qormi.

In fine, tordna li depoziti bankarji li talvolta jezitu jigu divizi wgwalment bejn il-partjiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li, tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda bi htija unika ta' l-attrici;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tilqa' t-tielet talba, limitatament u fis-sens li xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti];

[4] tilqa' r-raba' talba fis-sens li tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana biex tircievi l-att opportun li ghandu jigi pubblika fil-post, hin u lok indikati minn l-istess nutar, u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci;

[5] tichad il-hames talba fil-konfront tal-konvenut, filwaqt li tapplika id-dispost fl-inter tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront ta' l-attrici.

Spejjez kollha a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------